# KAPITOLU 425

## ATT DWAR IL-KONSERVAZZJONI U L-AMMINISTRAZZJONI TAS-SAJD

*ATT biex jipprovdi għar-regolazzjoni, konservazzjoni u amministrazzjoni tas-sajd f'Malta u għal ħwejjeġ in`identali għalihom.*

4 ta' Ġunju, 2001

*L-ATT II tal-2001, kif emendat bl-Avviż Legali 426 tal-2007; u bl-Atti XV tal-2009, IV tal-2013, XXXIV tal-2014, XXI tal-2020 , XVII tal-2022, XXXV tal-2023 u XIII tal-2025.*

### TAQSIMA I
### PRELIMINARI

Titolu fil-qosor.

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd.

Tifsir. *Emendat: XVII.2022.2.*

**2.** F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"akkwakultura" tfisser it-trobbija u l-koltivazzjoni tal-ħut bis-saħħa tal-użu ta' mezzi teknići użati sabiex tiżdied il-produzzjoni tal-organiżmi kkonċernati lil hinn mill-kapaċità naturali tagħhom fl-ambjent, u li biha l-organiżmi jibqgħu proprjetà tal-persuna fiżika jew ġuridika matul il-perjodu tat-trobbija u l-koltivazzjoni, sa u inkluż il-ħsad tagħhom;

"area ta' konvenzjoni" tfisser, dwar xi konvenzjoni internazzjonali, l-area li għaliha tirreferi l-konvenzjoni;

"bastiment" tfisser bastiment li jaħdem bl-istim jew bil-makni, lanċa, dgħajsa, *hovercraft*, jew biċċa tal-baħar li togħdos jew li tibqa' fil-wiċċ, ta' kull deskrizzjoni;

"bastiment barrani tas-sajd" tfisser kull bastiment tas-sajd ieħor li ma jaqax taħt it-tifsira ta' bastiment tas-sajd lokali;

"bastiment tas-sajd" tfisser kull bastiment ta' liema daqs ikun u li jitmexxa b'xi mod li jkun li fil-mument ikun qed jintuża għal ħidma ta' sajd jew għall-ipproċessar, ħażna jew ġarr ta' ħut jew għal xi ħidmiet (inkluż trasbord ta' ħut) anċillari għal dan, jew li huwa reġistrat jew awtorizzat biex jagħmel dan, iżda ma tinkludi ebda bastiment użat għall-ġarr ta' ħut jew prodotti ta' ħut bħala parti mill-merkanzija ġenerali tiegħu;

"bastiment tas-sajd liċenzjat" tfisser bastiment mogħti liċenza jew permess biex jistad skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att;

"bastiment tas-sajd lokali" tfisser kull bastiment -

(*a*) li jkun proprjetà ta' persuna waħda jew iżjed li ordinarjament jirrisjedu f'Malta, jew

(*b*) li jkun għal kollox proprjetà ta' kumpannija, soċjetà jew assoċjazzjoni ta' persuni nkorporata jew stabbilita skont il-liġijiet ta' Malta u kontrollata minn persuna waħda jew iżjed li ordinarjament jirrisjedu f'Malta:

Iżda bastiment tas-sajd li jkun proprjetà ta’ u kontrollat kif provdut skont il-paragrafi (a) u (b) ma għandu f'ebda każ jiġi kkunsidrat bħala bastiment tas-sajd lokali jekk ikun reġistrat barra l-ġurisdizzjoni ta' Malta;

"bastiment tas-sajd tal-konvenzjoni" tfisser bastiment tas-sajd reġistrat taħt il-bandiera ta’ pajjiż li huwa parti f’konvenzjoni li għaliha Malta hija wkoll parti u li l-bastimenti tas-sajd tagħhom ġew reġistrati skont dik il-konvenzjoni;

"Bord" tfisser il-Bord tas-Sajd imwaqqaf skont l-artikolu 5;

"Direttur" tfisser id-Direttur responsabbli mis-sajd maħtur bis-saħħa tal-artikolu 4 jew kull persuna li lilha jista’ jiddelegalha xi funzjonijiet skont l-artikolu 4(2);

"ħut" tfisser kull annimal akwatiku, sew jekk pixxin u sew jekk le u tinkludi frott tal-baħar bil-qoxra, krustaċeji, sponoż, rizzi, fkieren, mammli akwatiċi u ż-żgħar, frieħ, bajd u qxur tagħhom kif ukoll partijiet minnhom u ikel imnissel mill-ħut;

"ibħra interni" tfisser dawk l-ibħra li jmissu fuq in-naħa tax-xtajta tal-linji bażi li minnhom jitkejlu l-ibħra territorjali ta’ Malta;

"ibħra tas-sajd" tfisser l-ibħra tas-sajd ta’ Malta kif imfisser skont l-artikolu 3;

"kaptan" tfisser, dwar bastiment tas-sajd, il-persuna li fil-mument ikollha l-kmand jew tkun inkarigata mill-ħidma tas-sajd abbord il-bastiment;

"konvenzjoni" tfisser trattat, ftehim jew arranġament ieħor internazzjonali, minbarra "it-Trattat" kif definit fl-Att dwar l-Unjoni Ewropea; Kap. 460.

"liċenza tas-sajd" tfisser dokument li jagħti lid-detentur tiegħu d-dritt li juża ċerta kapaċità tas-sajd għall-isfruttament kummerċjali tar-riżorsi akkwatiċi ħajjin;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għas-sajd u l-akkwakultura;

"negozjant fis-suq tal-ħut jew pitkal" tfisser operatur liċenzjat biex iwettaq irkantijiet bl-ingrossa f’isem detentur ta’ liċenzja fis-sala għall-irkant pubbliku tal-ħut;

"ordni ta’ immobilizzazzjoni temporanja" tfisser ordni mogħti mid-Direttur jew xi persuna oħra delegata minnu taħt dan l-Att, li jordna li bastiment jiġi maqbud u miżmum skont dawk il-kundizzjonijiet kif id-Direttur jista’ jispeċifika fl-ordni;

"operatur" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika li twettaq xi attività relatata ma’ kwalunkwe stadju tal-produzzjoni, tal-ipproċessar, tal-kummerċjalizzazzjoni, tad-distribuzzjoni u tal-bejgħ bl-imnut ta’ prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura;

"persuna" tinkludi korp jew assoċjazzjoni oħra ta’ persuni sew jekk mogħtija personalità legali sew jekk le, skont id-disposizzjonijiet tat-Tieni Skeda li tinsab mal-Kodiċi Ċivili; Kap. 16.

"permess tas-sajd" tfisser permess tas-sajd maħruġ fir-rigward ta' bastiment tas-sajd flimkien mal-liċenzja tas-sajd tiegħu, li jagħtih id-dritt li jwettaq attivitajiet tas-sajd speċifiċi matul perjodu speċifikat u, jew f'żona partikolari u, jew għal sajd partikolari, u dan taħt kondizzjonijiet speċifiċi;

"proċessar", dwar ħut, tinkludi tindif, *filleting*, iffriżar, tqegħid fil-laned, salmura, affumikazzjoni, tisjir, immarinar, tnixxif jew priżervazzjoni jew tħejjija oħra ta' ħut b'kull metodu jkun li jkun;

"qroll" tfisser l-iskeletru kalkarju mnissel minn kolenterati polipojdi tal-klassi *anthozoa*;

"reġistru ta' bastimenti tas-sajd" tfisser ir-reġistru ta' bastimenti tas-sajd lokali miżmum mid-Direttur skont l-artikolu 7;

"sajd" tfisser -

(*a*) il-qbid jew teħid ta' ħut mill-baħar li kiber b'mod totalment naturali;

(*b*) kull attività oħra li b'mod ġenerali tkun mistennija li tirriżulta fil-qbid jew teħid ta' ħut, jew it-trobbija ta' ħut;

(*ċ*) kull ħidma fuq il-baħar li tgħin lil xi attività kif deskritt fil-paragrafi (*a*) u (*b*);

"sajd kummerċjali" tfisser l-operazzjonijiet kollha tas-sajd bl-eċċezzjoni tas-sajd ta' sussistenza u s-sajd rikreattiv;

"sajjied kummerċjali" tfisser:

(*a*) fil-każ ta' individwu, persuna li tkun taħdem jew bi ħsiebha taħdem fis-sajd għall-bejgħ matul is-sena kollha jew fi staġun speċifiku jew parti minn staġun kull sena u li tissodisfa lid-Direttur li matul dak iż-żmien li fih taħdem fis-sajd għall-bejgħ tkun tiddependi mill-attivitatjiet tagħha tas-sajd għad-dħul kollu tagħha jew parti minnu; jew

(*b*) fil-każ ta' kumpannija, soċjetà jew assoċjazzjoni ta' persuni, tkun tissodisfa lid-Direttur li jkollha investiment sostanzjali fl-industrija tas-sajd jew li tkun bi ħsiebha tagħmel investiment sostanzjali fl-industrija tas-sajd jew industrija anċillari;

"stabbiliment tal-akwakultura"tfisser kull area, għeluq, konfini, post jew struttura mibnija jew użata fuq l-art jew fil-baħar li tkun maħsuba għall-akkwakultura;

"trasbord" tfisser il-ħatt ta' kwalunkwe prodotti tas-sajd jew tal-akkwakultura minn abbord bastiment bl-eċċezzjoni ta' attivitajiet ta' rilokazzjoni, attivitajiet b'xibka tat-tkarkir tal-par u operazzjonijiet tas-sajd li jinvolvu azzjoni konġunta minn żewġ (2) bastimenti tas-sajd lokali jew aktar;

"uffiċjal għat-tħaris tas-sajd" tfisser id-Direttur, kull wieħed mill-uffiċjali għat-tħaris tas-sajd kif provdut dwarhom taħt l-artikolu 4(3), u l-membri kollha tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta u tal-Forzi Armati ta' Malta li jaġixxu għall-għanijiet ta' dan l-Att;

"uffiċjal tas-sajd tal-konvenzjoni" tfisser persuna maħtura mill-

gvern ta' pajjiż ieħor jew li jkollha s-setgħa skont il-liġijiet ta' dak il-pajjiż li tenforza konvenzjoni, li Malta tkun parti fiha, u li tipprovdi għat-tħaris u t-tmexxija ta' ħidmiet tas-sajd jew ħidmiet anċillari għalihom.

## TAQSIMA II
## IBĦRA TAS-SAJD

Ibħra tas-sajd.

**3.** L-ibħra tas-sajd ta' Malta jinkludu:

(*a*) l-ibħra interni;

Kap. 226.

(*b*) l-ibħra territorjali hekk dikjarati skont l-artikolu 3(2) tal-Att dwar l-Ibħra Territorjali u ż-Żona Kontigwa; u

(*ċ*) kull ibħra oħra li dwarhom bi proklama, liġi jew konvenzjoni li tkun fis-seħħ, jew li jkollha forza ta' liġi, f'Malta jkunu ġew dikjarati drittijiet sovrani għall-fini ta' esplorazzjoni u esplojtazzjoni, konservazzjoni u amministrazzjoni ta' riżorsi ħajjin f'dawk l-ibħra.

## TAQSIMA III
## AMMINISTRAZZJONI

Direttur responsabbli għas-sajd u uffiċjali għat-tħaris tas-sajd.
*Sostitwit: XVII.2022.3.*

**4.** (1) Dan l-Att għandu jkun amministrat mid-Direttur li għandu jkun uffiċjal pubbliku, maħtur mill-Prim Ministru, u li għandu jkun responsabbli:

(*a*) għall-konservazzjoni ta' stokkijiet ta' ħut li jinsabu fin-natura;

(*b*) għall-valutazzjoni ta' stokkijiet tal-ħut u l-ġbir ta' statistika, inkluż id-dettalji tal-qabdiet tal-ħut;

(*ċ*) għall-iżvilupp u l-amministrazzjoni tas-sajd;

(*d*) għaż-żamma ta' reġistru ta' bastimenti tas-sajd, tas-sidien, tal-kaptani, tal-ekwipaġġ tagħhom u ta' kwalunkwe persuna oħra li taħdem fuqhom;

(*e*) għall-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza tal-operazzjonijiet tas-sajd;

(*f*) għar-regolamentazzjoni tat-twettiq ta' operazzjonijiet tas-sajd inkluż l-akkwakultura u l-operazzjonijiet anċillari għaliha;

(*g*) għall-ħruġ, il-varjazzjoni, is-sospensjoni u r-revoka ta' permessi tas-sajd u liċenzji għas-sajd, u tat-tagħmir użat għas-sajd, għall-akkwakultura, għat-trasbord u attivitajiet oħra li għalihom huma meħtieġa permessi jew liċenzji skont dan l-Att;

(*h*) għall-ġbir tad-drittijiet fir-rigward tal-permessi

tas-sajd u tal-liċenzji, tal-entrati fir-reġistru tal-bastimenti tas-sajd, u għall-kategoriji l-oħra kollha ta’ permessi u liċenzji msemmija fil-paragrafu (g);

(*i*) għat-tfassil ta’ dawk ir-rapporti lill-Ministru kif hu jista’ jeħtieġ jew kif id-Direttur iqis xieraq li jagħmel;

(*j*) għat-teħid ta’ miżuri xierqa b’konsultazzjoni ma’ dik l-awtorità oħra li minn żmien għal żmien tista' tkun responsabbli għall-ambjent u għas-salvagwardja kontra l-estinzjoni ta’ speċijiet protetti; u

(*k*) għal kull ħaġa oħra li teħtieġ li tiġi amministrata taħt dan l-Att.

(2) Id-Direttur jista’ jawtorizza bil-miktub kwalunkwe uffiċjal pubbliku biex jeżerċita kwalunkwe mis-setgħat jew is-setgħat kollha tad-Direttur taħt dan l-Att jew fl-istess ħin miegħu jew fl-assenza tiegħu, soġġett għal dawk il-kondizzjonijiet, inkluż dawk relattivi għal restrizzjonijiet territorjali, kif huwa jista’ jistipula fl-awtorizzazzjoni.

(3) Dan l-Att għandu jiġi infurzat mill-uffiċjali għat-tħaris tas-sajd kif maħtura mid-Direttur u li jaġixxu taħt id-direzzjoni tad-Direttur, u għal dak il-għan l-uffiċjali għat-tħaris tas-sajd għandu jkollhom is-setgħat stabbiliti taħt dan l-Att.

**5.** (1) Qiegħed hawnhekk jitwaqqaf bord li jkun magħruf bħala l-Bord dwar is-Sajd.

Bord dwar is-Sajd. *Emendat: XVII.2022.4; XIII.2025.2.*

(2) Il-Bord għandu jkun magħmul mill-membri li ġejjin li għandhom ikunu maħtura mill-Ministru:

(*a*) membru wieħed (1) mid-dipartiment responsabbli għas-sajd, li jkollu tal-anqas grad ekwivalenti għal Direttur fis-servizz pubbliku;

(*b*) membru wieħed (1) mill-entità pubblika b’responsabbiltà għall-infurzar tal-liġiijiet ambjentali;

(*ċ*) membru wieħed (1) mill-Forzi Armati ta’ Malta;

(*d*) membru wieħed (1) nominat minn kull koperativa ta’ sajjieda reġistrata skont l-Att dwar is-Soċjetajiet Koperativi u minn kull organizzazzjoni volontarja li tirrappreżenta lis-sajjieda kummerċjali fuq livell nazzjonali;

Kap. 442.

(*e*) membru wieħed (1) li jkun sajjied rikreazzjonali nominat mill-Federazzjoni tas-Sajjieda Dilettanti; u

(*f*) tmien (8) membri oħra li jkunu operaturi attivi ta’ bastimenti li jkunu awtorizzati skont dan l-Att sabiex joperaw bastiment tas-sajd u li jaqgħu f’waħda minn dawn il-kategoriji:

(i) żewġ (2) membri li joperaw bastimenti tas-sajd ta’ anqas minn tnax (12)-il metru tul li ma jużawx irkaptu rmunkat;

(ii) żewġ (2) membri li joperaw bastimenti tas-sajd ta’ anqas minn tnax (12)-il metru li huma suġġetti għal kwota tas-sajd ta’ ħut speċifiku;

(iii) membru wieħed (1) li jopera bastimenti tas-sajd ta’ tnax (12)-il metru tul jew aktar li jużaw irkaptu rmunkat;

(iv) membru wieħed (1) li jopera bastimenti tas-sajd ta’ tnax (12)-il metru tul jew aktar li huma soġġetti għal kwota tas-sajd ta’ ħut speċifiku;

(v) żewġ (2) membri li joperaw bastimenti tas-sajd li huma awtorizzati għas-sajd tal-lampuki bil-kannizzati:

Iżda l-imsemmija tmien (8) membri għandhom jiġu maħtura mill-Ministru wara sejħa ta’ interess fost dawk is-sajjieda li jaqgħu taħt dawn il-kategoriji:

Iżda wkoll tal-anqas wieħed (1) minn tali membri għandu jkollu erbgħin (40) sena jew anqas:

Iżda wkoll tal-anqas wieħed (1) minn tali membri għandu jkun ta’ ġeneru femminili.

(3) Il-membri fil-Bord ikunu maħtura, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (4) u (5), għal perjodu ta’ tliet snin.

(4) Membru tal-Bord jista’ jirriżenja mill-kariga tiegħu f’kull żmien billi jagħti avviż bil-miktub lill-Ministru.

(5) Il-Ministru jista’ f’kull żmien ineħħi membru tal-Bord minħabba inkapaċità fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu, falliment jew traskuraġni tad-dmirijiet.

(6) Il-*quorum* meħtieġ għal-laqgħat tal-Bord ikun il-President jew, fin-nuqqas tiegħu, il-Viċi President, u ħames membri oħra.

(7) Il-Ministru għandu jaħtar President tal-Bord minn fost persuni li jkollhom għarfien profiċjenti, kompetenza u esperjenza fis-settur tas-sajd:

Iżda l-Bord għandu jaħtar Viċi President u segretarju minn fost il-membri maħtura skont il-paragrafi (d) sa (f) tas-subartikolu (2).

(8) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet l-oħra ta’ dan l-Att, il-Bord jista jirregola l-proċeduri u l-laqgħat tiegħu stess b’dak il-mod li jidhirlu xieraq.

Funzjonijiet tal-Bord.
*Emendat: XIII.2025.3.*

**6.** Ikun id-dmir tal-Bord li jagħti pariri lill-Ministru fuq kull ħaġa li l-imsemmi Ministru jista’ jirreferilu u b’mod ġenerali dwar l-iżvilupp, l-amministrazzjoni u l-konservazzjoni tas-sajd f’Malta u b’mod partikolari għandu -

(*a*) jikkonsidra u jagħmel proposti għall-għemil ta’ regolamenti skont l-artikolu 38 u kull leġislazzjoni oħra li tista’ taffettwa l-industrija tas-sajd;

(*b*) jikkonsidra u jagħmel proposti għall-introduzzjoni ta’ miżuri li jipprojbixxu jew jirrestrinġu l-qbid ta’ speċi ta’ ħut jew miżuri oħra li jfissru konservazzjoni tal-

istokkijiet ta’ ħut;

(*ċ*) *Imħassar bl-Att XIII.2025.3.*

(*d*) jikkonsidra kull ħaġa referita lilu minn membru tal-Bord, minn dipartiment tal-Gvern jew minn xi membru tal-pubbliku u jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu dwarhom jekk u kif il-Bord jidhirlu xieraq;

(*e*) jissottometti lill-Gvern dawk il-proposti li jidhirlu xierqa;

(*f*) jissottometti lill-Ministru rapport annwali tal-attivitajiet tiegħu;

(*g*) jaqdi dawk il-funzjonijiet u dmirijiet oħra li jistgħu jkunu preskritti.

## TAQSIMA IV
## BASTIMENTI TAS-SAJD LOKALI

Reġistrazzjoni ta’ bastimenti tas-sajd lokali.
*Emendat: XVII.2022.5.*

**7.** (1) Id-Direttur għandu jżomm reġistru tal-bastimenti tas-sajd lokali li jinkludi s-sidien benefiċjarji, id-detenturi ta’ liċenzji, il-kaptani tal-bastimenti u min jaħdem fuqhom.

(2) Persuna li għandha l-ħsieb li tuża bastiment tas-sajd lokali għas-sajd tista' tapplika għand id-Direttur bil-mod preskritt sabiex ikun reġistrat fir-reġistru ta’ bastimenti tas-sajd.

(3) Bastiment ma jkunx reġistrat skont dan l-artikolu kemm-il darba -

Kap. 234.

(*a*) ma jkunx reġistrat skont l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili jekk dan ikun hekk meħtieġ bil-liġi;

(*b*) il-bastiment ma jkollux il-marki ta’ identifikazzjoni kif jista’ jiġi preskritt;

(*ċ*) il-bastiment ma jġorrx dak it-tagħmir u ma jkunx iħares dawk il-ħtiġiet l-oħra li jistgħu jkunu preskritti;

(*d*) is-sid tal-bastiment ma jkunx ta dak it-tagħrif jew ħares dawk il-ħtiġiet l-oħra jew regolamenti li jistgħu jkunu preskritti.

(4) Id-Direttur jista’ jħassar kull reġistrazzjoni fir-reġistru ta’ bastimenti tas-sajd skont dan l-artikolu jekk xi waħda mill-ħtiġiet tas-subartikolu (3) ma jibqgħux ikunu sodisfatti mill-bastiment reġistrat fir-reġistru, iżda għandu jerġa jagħmel dik ir-reġistrazzjoni malli jkun sodisfatt li dak in-nuqqas ikun rimedjat.

(5) Iċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni fir-reġistru ta’ bastimenti tas-sajd lokali għandu, bla ħsara għas-subartikolu (4), ikun validu għal sena u jkun jista’ jiġġedded.

Liċenzi għal bastimenti tas-sajd lokali.
*Emendat: A.L. 426 tal-2007; XVII.2022.6.*

**8.** Ebda bastiment tas-sajd lokali ma jista’ jintuża għal sajd kummerċjali -

(*a*) fl-ibħra tas-sajd, jew

(b) f’xi area barra l-ibħra tas-sajd li biex tistad fiha tkun meħtieġa liċenza jew permess skont dan l-Att,

kemm-il darba ma jkunx reġistrat fir-reġistru ta’ bastimenti tas-sajd

skont l-artikolu 7 u kemm-il darba ma jkunx awtorizzat li hekk jistad skont liċenza jew permess mogħtija skont dan l-Att.

Permessi biex bastimenti tas-sajd lokali jkunu jistgħu jistadu barra l-ibħra tas-sajd. *Emendat: A.L. 426 tal-2007; XVII.2022.7.*

**9.** (1) Il-Ministru jista', b'regolamenti, jeħtieġ lil sidien ta' bastimenti tas-sajd li jkunu jixtiequ jistadu barra jew ġo l-ibħra tas-sajd li japplikaw għand id-Direttur għal permess li bih ikun jista' jsir sajd f'arei speċifikati f'dawk il-permessi, u kif provdut għalihom fir-regolamenti.

(2) Regolamenti magħmula skont is-subartikolu (1) jistgħu wkoll jipprovdu għal permessi tas-sajd li jagħtu jedd esklużiv għal sajd f'arei speċifikati f'dawk il-permessi, u kif provdut għalihom fir-regolamenti.

## TAQSIMA V
## BASTIMENTI TAS-SAJD BARRANIN

Sajd minn bastimenti barranin mingħajr liċenza hu projbit. *Emendat: A.L. 426 tal-2007; XVII.2022.8.*

**10.** Sajd minn bastiment barrani fl-ibħra tas-sajd hu projbit jekk ma jkunx awtorizzat b'liċenza mogħtija skont dan l-Att.

Avviż dwar ħut abbord meta bastimenti tas-sajd barranin jidħlu fl-ibħra tas-sajd. *Emendat: A.L. 426 tal-2007; XVII.2022.9.*

**11.** Kaptan ta' bastiment tas-sajd barrani li jkollu ħut abbord għandu -

(*a*) qabel ma l-bastiment jidħol fl-ibħra tas-sajd; jew

(*b*) qabel ma l-bastiment jitlaq minn area tal-ibħra tas-sajd li fiha s-sid, il-kaptan, jew min jikrih ikollu liċenza biex jistad,

javża lil uffiċjal għat-tħaris tas-sajd bl-ammonti, bid-deskrizzjonijiet u bil-preżentazzjoni ta' ħut abbord il-bastiment.

## TAQSIMA VI
## DWAR IL-BASTIMENTI TAS-SAJD KOLLHA

Ħtiġiet u kondizzjonijiet f'liċenza dwar bastimenti lokali u barranin. *Emendat: A.L. 426 tal-2007; XVII.2022.10.*

**12.** (1) Liċenza tas-sajd għandha tingħata lill-kaptan, lis-sid jew lill-kerrej dwar bastiment tas-sajd speċifikat.

(2) Il-ħruġ ta' kull liċenza tas-sajd tkun fid-diskrezzjoni tad-Direttur li jista' jawtorizza, jew is-sajd b'mod ġenerali, jew għal skopijiet ta' konservazzjoni, jista' jagħti awtorità limitata bil-miktub b'riferenza b'mod partikolari għal -

(*a*) area li fiha s-sajd ikun awtorizzat;

(*b*) il-perijodi, iż-żminijiet jew vjaġġi partikolari li matulhom is-sajd ikun awtorizzat;

(*ċ*) id-deskrizzjonijiet, kwantitajiet, daqs u preżentazzjoni ta' ħut li jista' jittieħed;

(*d*) il-mod tas-sajd.

(3) Liċenza tas-sajd tista' tawtorizza s-sajd jew b'mod ġenerali jew suġġetta għal dawk il-kondizzjonijiet li fil-fehma tad-Direttur ikunu meħtieġa jew neċessarji biex ikun regolarizzat is-sajd fil-baħar, jew il-konservazzjoni jew l-amministrazzjoni tas-sajd fl-ibħra tas-sajd u b'mod partikolari liċenza jista' jkollha, bla ħsara

għall-ġeneralità tal-imsemmija kondizzjonijiet, kondizzjonijiet dwar -

(*a*) it-tniżżil fuq l-art ta' ħut taħt l-awtorità tad-detentur tal-liċenza;

(*b*) l-immarkar tal-bastiment tas-sajd liċenzjat;

(*ċ*) ir-reġistrazzjoni tal-ħidmiet tas-sajd li għandhom jinżammu abbord il-bastiment tas-sajd liċenzjat;

(*d*) it-tagħmir ta' navigazzjoni u l-mapep li għandhom jinġarru abbord il-bastiment tas-sajd liċenzjat; u

(*e*) il-post jew il-postijiet fejn bastiment tas-sajd liċenzjat jista' jittrasborda l-ħut.

(4) Liċenza tas-sajd tista' tkun -

(*a*) mibdula minn żmien għal ieħor, jew

(*b*) revokata jew sospiża,

jekk, fil-fehma tad-Direttur, dan ikun meħtieġ jew neċessarju biex ikun regolat is-sajd fil-baħar, il-konservazzjoni u l-amministrazzjoni tas-sajd fl-ibħra tas-sajd jew għall-benefiċċju ekonomiku ta' Malta.

(5) Ebda qorti ma tista' toħroġ mandat ta' inibizzjoni jew xi att ieħor kawtelatorju biex twaqqaf lid-Direttur milli jagħmel xi ħaġa li *prima facie* hu fil-poter tiegħu li jagħmel skont dan l-Att, qabel ma jkun hemm sentenza finali li dak li jkun ser jagħmel ikun illegali:

Iżda minn meta jsir xi appell kontra d-deċiżjoni tad-Direttur skont l-artikolu 39 ta' dan l-Att, u sakemm tingħata sentenza finali fuq dak l-appell, id-Direttur ma jkunx jista' jieħu ebda azzjoni li jkollha x'taqsam direttament mal-kwistjoni li tkun taħt appell.

(6) Jekk liċenza tas-sajd tkun varjata, revokata jew sospiża, id-Direttur jista', jekk jidhirlu xieraq fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, iħallas lura d-dritt kollu mħallas għal-liċenza jew parti minnu.

(7) Ma tista' tittieħed ebda azzjoni għal danni kontra d-Direttur minħabba fit-twettiq da parti tiegħu tas-setgħat skont is-subartikolu (4).

Min iżomm il-ħut illegalment.
*Emendat: XVII.2022.11.*

**13.** Kaptan ma jistax, abbord bastiment tas-sajd, fl-ibħra tas-sajd, iżomm jew iħalli li jinżamm ħut li ma jkunx ittieħed skont liċenzja tas-sajd jew permess tas-sajd provduti skont dan l-Att jew f'ammont li jiskorri dak li jippermettu r-regolamenti għall-protezzjoni ta' *stocks* ta' ħut.

Stivar ta' tagħmir.
*Emendat: A.L. 426 tal-2007; XVII.2022.12.*

**14.** F'kull żmien meta bastiment tas-sajd ikun qiegħed f'area tal-ibħra tas-sajd jew, jekk ikun bastiment tas-sajd lokali, wkoll f'xi area barra l-ibħra tas-sajd u jew -

(*a*) ikun projbit b'dan l-Att li jistad f'dik l-area; jew

(*b*) bil-liċenza tas-sajd jew xort'oħra jkun permess li jistad biss għal ċerti speċi jew deskrizzjonijiet ta' ħut f'dik l-area,

f'dak il-każ, it-tagħmir tas-sajd tiegħu jew dik il-parti mit-tagħmir li ma tkunx meħtieġa għas-sajd permess, għandhom ikunu stivati b'dak il-mod li ma jkunux għal-lest li jintużaw għas-sajd jew stivati b'dak il-mod l-ieħor li jista' jkun preskritt.

Informazzjoni statistika. *Sostitwit: XVII.2022.13.*

**15.** Id-Direttur jista' jeħtieġ li l-kaptan, is-sid jew min jikri l-bastiment tas-sajd, kif ukoll in-negozjant fis-suq tal-ħut (pitkal), jipprovdulu dik l-informazzjoni statistika dwar is-sajd kif huwa jista' jordna.

Trasbord u esportazzjoni ta' ħut.

**16.** (1) Il-Ministru jista' b'regolamenti jipprovdi għal-liċenza ta' trasbord jew aċċettazzjoni ta' ħut minn bastimenti tas-sajd fl-ibħra tas-sajd jew it-trasport mill-ibħra interni jew ibħra territorjali minn xi bastiment ta' ħut trasbordat minn xi bastiment ieħor.

(2) Ir-regolamenti magħmula skont is-subartikolu (1) jistgħu japplikaw dawk ir-restrizzjonijiet u kondizzjonijiet mal-għoti ta' liċenzi jew permessi li l-Ministru jidhirlu xierqa u b'mod partikolari jistgħu jipprovdu għal -

(*a*) l-arei li fihom ħut jista' jiġi trasbordat;

(*b*) iż-żminijiet li fihom ħut jista' jkun trasbordat jew trasportat;

(*ċ*) in-numru ta' trasbordi u trasportazzjonijiet li jistgħu jsiru u l-kwantitajiet u deskrizzjonijiet ta' ħut li jista' jkun trasbordat jew trasportat.

(3) Regolamenti magħmula skont is-subartikolu (1) għandhom jagħtu s-setgħa lid-Diretttur li, fl-għoti ta' liċenzi jew permessi bis-saħħa tagħhom, jimponi dawk il-kondizzjonijiet li jidhirlu meħtieġa sabiex ikun regolat it-trasbord jew l-esportazzjoni ta' ħut, magħduda kondizzjonijiet dwar it-trattament abbord bastimenti tas-sajd ta' ħut riċevut abbord, u jistgħu jkunu imposti kondizzjonijiet differenti dwar bastimenti tas-sajd differenti jew bastimenti tas-sajd ta' deskrizzjoni differenti.

## TAQSIMA VII
## ARRANĠAMENTI SPEĊJALI

Permessi għal riċerki dwar is-sajd. *Emendat: XXI tal-2020; XVII.2022.13.*

**17.** (1) Id-Direttur jista', wara konsultazzjoni mal-Bord, jagħti permess lil kaptan, sid jew kerrej ta' bastiment speċifikat li jawtorizza sajd għal għanijiet ta' riċerka xjentifika fl-ibħra tas-sajd jew f'arei tal-ibħra tas-sajd.

(2) Id-detentur ta' permess skont is-subartikolu (1) u l-bastiment speċifikat f'dak il-permess għandhom, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (3), (4) u (5), ikunu eżentati mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, kif ikun speċifikat fil-permess.

(3) Il-bastiment tar-riċerka jkun suġġett għall-ispezzjoni mid-Direttur jew minn kull uffiċjal ieħor delegat minnu u d-detentur tal-permess jista' jkun meħtieġ, fuq talba, li jagħti lid-Direttur rapport tal-ħidmiet tiegħu.

(4) Permess mogħti taħt is-subartikolu (1) għandu jkun soġġett għal dawk il-kondizzjonijiet, li jistgħu jinkludu konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, kif speċifikati fil-permess.

(5) Il-Ministru jista' b'avviż bil-miktub mogħti lid-detentur ta'

permess skont is-subartikolu (1) -

(*a*) jirrevoka l-permess;

(*b*) jibdel jew jirrevoka l-kondizzjonijiet li għalihom ikun suġġett il-permess jew jispeċifika aktar kondizzjonijiet li għalihom il-permess għandu jkun suġġett.

**18.** *Imħassar bl-Att XVII.2022.15.*

Ftehim dwar aċċess għas-sajd.

TAQSIMA VIII
INFURZAR TAL-ATT

Setgħat ġenerali tal-uffiċjali għat-tħaris tas-sajd. *Emendat: XVII.2022.16.*

**19.** (1) Sabiex ikunu nfurzati d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, uffiċjal għat-tħaris tas-sajd jista' jeżerċita s-setgħat li ġejjin dwar kull bastiment tas-sajd jew bastiment li jkun qed jistad fl-ibħra tas-sajd:

(*a*) jista' jwaqqaf il-bastiment;

(*b*) jista' jeħtieġ lill-kaptan li jieqaf mis-sajd u li jtella' lura abbord it-tagħmir tas-sajd;

(*ċ*) jista' jeħtieġ lill-kaptan li jiffaċilita t-tlugħ abbord il-bastiment bil-mezzi xierqa kollha;

(*d*) jista' jitla' abbord il-bastiment u jtella' miegħu lil dawk il-persuni l-oħra li jidhirlu meħtieġa biex jgħinuh fit-twettiq tas-setgħat tiegħu;

(*e*) jista' jeħtieġ lill-kaptan, lill-ekwipaġġ jew lil xi ħadd biex jipproduċi, u l-uffiċjal jista' jeżamina u jieħu kopja ta', kull ċertifikat ta' reġistrazzjoni, liċenza, *log book* uffiċjali, karta uffiċjali, artikoli ta' ftehim, reġistrazzjoni ta' ħut maqbud u kull dokument ieħor dwar il-bastiment u l-ekwipaġġ jew kull membru tiegħu jew dwar xi persuna li tkun abbord il-bastiment, li jkunu fil-pussess jew taħt il-kontroll tagħhom abbord il-bastiment;

(*f*) jista' jigbor flimkien l-ekwipaġġ tal-bastiment;

(*g*) jista' jeħtieġ lill-kaptan biex jidher quddiemu biex jagħtih spjegazzjoni dwar il-bastiment u kull membru tal-ekwipaġġ jew persuna oħra li tkun abbord il-bastiment u dwar kull dokument imsemmi fil-paragrafu (*e*);

(*h*) jista' jagħmel kull tfittxija, eżami jew mistoqsija li jidhirlu meħtieġa biex jara li ebda waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att ma tkun inkisret;

(*i*) jekk ikollu raġuni xierqa jissuspetta li xi persuna tkun għamlet reat kontra dan l-Att, jista mingħajr ċitazzjoni, mandat jew proċedura oħra, jieħu lill-persuna li tkun suspettata li għamlet ir-reat u jieħu jew jeħtieġ lill-kaptan tal-bastiment biex jieħu dak il-bastiment flimkien mal-ekwipaġġ tiegħu, f'port f'Malta sabiex issir kull tfittxija, eżami jew inkjesta u sabiex iressqu jew iressaqhom quddiem qorti kompetenti u sabiex iżomm jew iżommhom flimkien

mal-bastiment f'Malta sakemm ikun ingħata ġudizzju dwar ir-reat allegat;

(*j*) huwa jista', wara li jikkunsidra s-sikurezza tal-bastiment, jieħu passi biex kwalunkwe bastiment tas-sajd miżmum skont dan l-artikolu ma jkunx jista' jiċċaqlaq;

(*k*) fil-każ ta' kwalunkwe ksur skont dan l-Att jew skont regolamenti magħmula taħtu, huwa jista' jżomm kwalunkwe bastiment flimkien mat-tagħmir, il-ħażniet u l-merkanzija tiegħu jekk huwa jemmen li dawn intużaw fit-twettiq ta' dak il-ksur jew li fir-rigward tagħhom huwa jemmen li tali ksur ikun twettaq, jew jekk l-oġġetti miżmuma jkunu r-riżultat tal-ksur;

(*l*) jista' jaqbad jew iżomm kull tagħmir, strumenti jew apparat tas-sajd li hu jaħseb li jkunu ġew użati fl-għemil ta' dak ir-reat;

(*m*) jista' jaqbad kull ħut li hu jaħseb li jkun ittieħed jew kull prodotti tal-ħut li jkunu ġew prodotti fl-għemil ta' dak ir-reat;

(*n*) jista' jaqbad jew iżomm jew jieħu kopji ta' kull dokumenti li hu jaħseb li jkunu relevanti għal xi reat bħal dak.

(2) Fl-eżerċizzju tas-setgħat imsemmija fis-subartikolu (1), uffiċjal għat-tħaris tas-sajd jista' juża jew jimpjega dik il-forza li tkun raġonevolment meħtieġa.

(3) Is-setgħat mogħtija b'dan l-artikolu jistgħu jkunu eżerċitati dwar bastiment tas-sajd irrispettivament jekk il-bastiment, fil-ħin ta' dak l-eżerċizzju, jkunx qed jistad jew jagħmel xi attivitajiet oħra li b'xi mod għandhom x'jaqsmu mas-sajd.

Setgħat tad-dħul u tfittxija fuq l-art ta' uffiċjali għat-tħaris tas-sajd.
*Emendat: XVII.2022.17.*

**20.** (1) Sabiex ikunu nfurzati d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, uffiċjal għat-tħaris tas-sajd jista' -

(*a*) jidħol, f'kull ħin xieraq, f'kull post (li ma jkunx post ta' abitazzjoni) użat għat-tmexxija ta' negozju li għandu x'jaqsam mat-tħaddim ta' bastimenti tas-sajd u ma' attivitajiet li huma anċillari għalih jew mat-trattament, ħażna jew bejgħ ta' ħut;

(*b*) jeħtieġ lil xi persuna li tkun fil-post biex tipproduċi kull dokumenti li għandhom x'jaqsmu mal-qbid, tniżżil l-art, trasbord, esportazzjoni, importazzjoni, bejgħ jew tneħħija ta' ħut;

(*ċ*) jekk ikollu raġunijiet xierqa biex jissuspetta li jkun sar reat skont dan l-Att u li l-kawża tar-reat tista' titneħħa jew titrażżan -

(i) jidħol u jagħmel tfittxija mingħajr mandat, bl-assistenza jew mingħajra, f'kull post imsemmi fil-paragrafu (*a*), jew f'kull vettura, inġenju tal-ajru, bastiment jew mezz ieħor ta' trasport u jiftaħ u jfittex kull bagalja, pakkett jew ħaġa oħra;

(ii) jaqbad jew iżomm kull dokument jew kull

taghmir jew oġġett li hu jaħseb li jkun intuża fl-għemil ta' dak ir-reat;

(iii) jaqbad kull ħut li hu jaħseb li jkun intuża, kien maniġġat jew proċessat fl-għemil ta' dak ir-reat;

(*d*) fuq suspett raġonevoli, iwaqqaf u, jew jeżamina kull vettura, kif ukoll kull mezz ieħor ta' ħażna jew ġarr, kull fejn jistgħu jkunu, sabiex jiġi aċċertat li d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att ikunu mħarsa:

Iżda għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, sabiex jeżisti suspett raġonevoli għandu jkun biżżejjed jekk il-waqfien u l-eżaminazzjoni jitwettqu fuq ċertu tipi ta' vetturi jew mezzi oħra ta' ħażna jew ta' ġarr li normalment jintużaw għall-ħażna u l-ġarr ta' ħut, ta' rkaptu tas-sajd jew ta' kwalunkwe oġġett ieħor bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, f'żoni u postijiet partikolari, u f'ħinijiet partikolari tal-ġurnata li matulhom dik il-ħażna u dak il-ġarr normalment iseħħu; u

(*e*) fiċ-ċirkostanzi msemmija taħt il-paragrafu (d), huwa jista' wkoll jaqbad kwalunkwe dokument, ħut, irkaptu tas-sajd jew kwalunkwe ħaġa oħra misjuba matul l-eżaminazzjoni jekk huwa raġonevolment iqishom bħala evidenza possibbli ta' ksur jew reat kontra dan l-Att, jew jekk b'xi mod ieħor jgħinu fi kwalunkwe investigazzjoni.

(2) Uffiċjal għat-tħaris tas-sajd ma għandux ikun soġġett għal ebda azzjoni u, jew prosekuzzjoni skont il-liġi għat-twettiq tad-doveri tiegħu taħt dan l-artikolu, inkluż meta l-miżuri meħuda għat-twettiq tagħhom ma jirriżultaw fl-ebda evidenza jew f'ebda ksur jew reat kontra dan l-Att.

Setgħat tal-uffiċjali għat-tħaris tas-sajd u tal-uffiċjali tas-sajd tal-konvenzjoni għat-tħaris tal-konvenzjonijiet.
*Emendat: A.L. 426 tal-2007; XVII.2022.18.*

**21.** (1) Sabiex ikun żgurat it-tħaris tad-disposizzjonijiet ta' kull konvenzjoni dwar tmexxija jew it-tħaris ta' ħidmiet tas-sajd li tagħha Malta tkun parti, uffiċjal tas-sajd tal-konvenzjoni dwar bastiment tas-sajd lokali u uffiċjal għat-tħaris tas-sajd dwar bastiment tas-sajd tal-konvenzjoni jew bastiment tas-sajd barrani jistgħu jeżerċitaw f'kull post fil-limiti tal-area tal-konvenzjoni, barra mill-ibħra tas-sajd, is-setgħat mogħtija skont l-artikolu 19:

Iżda uffiċjal għat-tħaris tas-sajd u uffiċjal tas-sajd tal-konvenzjoni jistgħu jimponu wkoll infurzar addizzjonali u miżuri kumplimentari sabiex jissalvagwardaw id-dispożizzjonijiet ta' kwalunkwe konvenzjoni.

(2) Dan l-artikolu ma jawtorizzax lil uffiċjal għat-tħaris tas-sajd jew lil uffiċjal tas-sajd tal-konvenzjoni biex jagħmel xi ħaġa li ma tkunx awtorizzata bil-konvenzjoni li jkun qiegħed hemm biex jinforza, lanqas ma jawtorizzah li jeżerċita, dwar bastiment ta' pajjiż li jkun parti fil-konvenzjoni, xi setgħa li l-Gvern ta' dak il-pajjiż ikun għarraf lill-partijiet l-oħra tal-konvenzjoni li ma tistax tiġi eżerċitata dwar il-bastimenti tas-sajd tiegħu.

(3) Kull persuna li fuq xi bastiment tas-sajd fl-ibħra tas-sajd jew fuq bastiment tas-sajd lokali 'l barra minn dawk l-ibħra, tattakka kull uffiċjal bħal dan waqt li jkun qiegħed jeżerċita xi waħda mis-setgħat

mogħtija lilu skont l-artikolu 19 jew li volontarjament tfixkel lil dak l-uffiċjal fl-eżerċizzju ta' xi waħda minn dawk is-setgħat, għandha tkun ħatja ta' reat u għandha, meta tinstab ħatja, teħel multa ta' mhux inqas minn elf u mitejn euro (€1,200) u mhux aktar minn sitt elef euro (€6,000).

(4) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3) japplikaw dwar dak li jsir fuq bastiment tas-sajd lokali f'area tal-konvenzjoni li jkun qed jeżerċita s-setgħat biex jitħarsu d-disposizzjonijiet tal-konvenzjoni f'dik l-area bl-istess mod kif japplikaw dwar dak li jsir fuq xi bastiment tas-sajd f'dawk il-limiti minn jew dwar uffiċjal għat-tħaris tas-sajd.

Indennizz.

**22.** Ma tista' tittieħed ebda azzjoni ċivili jew kriminali kontra uffiċjal għat-tħaris tas-sajd jew uffiċjal tas-sajd tal-konvenzjoni dwar xi ħaġa li jkun għamel jew li naqas milli jagħmel *in bona fide* fl-eżerċizzju tas-setgħat li jkollu skont dan l-Att jekk ikun hemm raġuni xierqa għal dak l-għemil jew nuqqas.

Disponiment ta' ħut maqbud u ħwejjeġ oħra li jistgħu jitħassru.
*Miżjud: XVII.2022.20.*

**22A.** (1) Meta kwalunkwe ħut jew kwalunkwe ħaġa oħra ta' natura li tista' titħassar tiġi maqbuda jew miżmuma skont l-artikolu 19, id-Direttur jista', wara li jiżgura li l-evidenza kollha tiġi preservata, minkejja kwalunkwe dispożizzjoni oħra ta' dan l-Att jew kwalunkwe leġiżlazzjoni sussidjarja magħmula taħtu, jew:

(*a*) jirritorna l-ħut jew ħaġa oħra lill-persuna li mingħandha ġew maqbuda jew miżmuma, hekk kif jirċievi sigurtà suffiċjenti u adegwata fil-forma ta' garanzija bankarja valida pagabbli fuq talba tad-Direttur, u li, fl-opinjoni tad-Direttur, hija ta' valur kummerċjali ekwivalenti għall-ħut jew ħaġa oħra li tkun maqbuda jew miżmuma b'dan il-mod; jew

(*b*) jara li jsir il-bejgħ b'irkant pubbliku tal-ħut jew ħaġa oħra u, fil-każ li jinbdew proċedimenti quddiem qorti, jiddepożita d-dħul minn dak il-bejgħ fil-qorti sakemm issir ordni mill-qorti dwar il-konfiska jew le tar-rikavat, jew tirrilaxxa lill-persuna li mingħandha l-ħut jew il-ħaġa kienu maqbuda jew miżmuma skont dan l-Att; jew

(*ċ*) jeqred il-ħut meta ma jibqax sikur għall-konsum uman jew meta ma jkunx jista' jitqiegħed fis-suq skont il-liġi, jew meta jkun qiegħed jirriskja li jikkawża distorsjoni sinifikanti fis-suq Malti; jew

(*d*) jagħti b'donazzjoni l-ħut lil organizzazzjonijiet li għandhom skop karitatevoli jew filantropiku, u dan esklussivament għall-konsum, mingħajr ħlas u bħala ikel, mill-membri jew il-benefiċjarji tagħhom.

(2) Il-garanziji bankarji kif provdut dwarhom skont is-subartikolu (1)(a) għandhom ikunu validi matul kull proċediment skont dan l-Att:

Iżda jekk garanzija bankarja ma tibqax valida sad-deċiżjoni

amministrattiva jew sa meta sentenza ssir *res judicata*, u jekk id-Direttur ma jkunx tħallas u l-ħut jew ħaġa oħra jkunu ġew ritornati skont is-subartikolu (1)(a), l-ammont ta' dik il-garanzija bankarja għandu *ipso facto* jkun dovut mill-awtur tar-reat bħala titolu eżekuttiv favur id-Direttur, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe obbligu li jingħata lura kwalunkwe ammont garantit lil kull min ikun dovut lilu skont il-liġi.

Ħelsien ta' bastimenti jew oġġetti jekk ma jinbdewx proċedimenti.

**23.** *Imħassar bl-Att XVII.2022.19*.

Garanzija għall-ħelsien ta' bastimenti tas-sajd.

**24.** *Imħassar bl-Att XVII.2022.19*.

Disponiment ta' ħut u oġġetti maqbuda li jistgħu jiddeterjoraw.

**25.** *Imħassar bl-Att XVII.2022.19*.

## TAQSIMA IX
## AKWAKULTURA

Stallazzjoni u tħaddim ta' stabbiliment tal-akwakultura.
*Emendat: A.L. 426 tal-2007; XV. 2009.49; XVII.2022.21.*

**26.** (1) Ebda persuna ma għandha tistalla jew tħaddem stabbiliment tal-akwakultura ħlief bl-awtorità u skont il-kondizzjonijiet ta' permess tal-akwakultura mogħti mid-Direttur skont dan l-Att. Il-ħruġ ta' dak il-permess ikun suġġett għal konsultazzjoni mid-Direttur, maċ-*Chairman* tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta u maċ-*Chairman* tal-Awtorità tal-Ippjanar dwar l-allokazzjoni ta' sit xieraq għall-istabbiliment tal-akwakultura.

(2) *Imħassar bl-Att XVII.2022.21*.

Permess għall-akwakultura.

**27.** (1) Permess għall-akwakultura jingħata lill-persuna speċifikata fih u ma jkunx jista' jiġi trasferit ħlief bil-permess bil-miktub bil-quddiem tad-Direttur.

(2) Permess għall-akwakultura jagħti lid-detentur tal-permess jeddijiet esklużivi biex jiġbor il-prodotti tal-istabbiliment tal-akwakultura fl-area speċifikata fil-permess fuq l-art jew fil-baħar.

(3) Permess għall-akwakultura jkun suġġett għal dawk il-kondizzjonijiet li fil-fehma tad-Direttur ikunu meħtieġa jew spedjenti biex tkun regolata l-akwakultura, l-amministrazzjoni tas-sajd u l-benefiċċju ekonomiku ta' Malta, u b'mod partikolari permess jista' jkun fih, bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak li ntqal qabel -

(*a*) kondizzjonijiet dwar is-sit, disinn u materjali wżati fil-kostruzzjoni tal-istabbiliment ta' akwakultura;

(*b*) kondizzjonijiet sanitarji ta' ħut;

(*ċ*) miżuri biex speċi ta' ħut li jidħlu f'Malta għall-

akwakultura ma jaħarbux;

(*d*) miżuri li jittieħdu biex jiġi evitat li jinfirex il-mard tal-ħut fi stokkijiet ta' ħut fl-ambjent naturali;

(*e*) disposizzjonijiet kummerċjali dwar il-bejgħ tal-ħut u prodotti tal-ħut.

Rilaxx ta' ħut ħaj.
*Miżjud: XVII.2022.22.*

**27A.** Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe setgħa oħra u, jew proċediment skont il-liġi, id-Direttur jista' jordna r-rilaxx fil-baħar ta' kwalunkwe ħut ħaj miżmum minn jew għal stabbiliment tal-akkwakultura marittima, u huwa jista' jagħmel dan minn kull fejn jinsab dak il-ħut, jekk iqis li dak il-ħut ikun qiegħed jinżamm bi ksur ta' dan l-Att jew ta' kwalunkwe leġiżlazzjoni sussidjarja magħmula taħtu.

## TAQSIMA X
## PROJBIZZJONIJIET U REATI

Metodi ta' sajd projbit.
*Emendat: A.L. 426 tal-2007; XVII.2022.23.*

**28.** (1) Kull persuna li fl-ibħra tas-sajd jew minn fuq bastiment lokali barra l-ibħra tas-sajd -

(*a*) tuża xi velenu jew sustanza oħra li tagħmel ħsara sabiex toqtol, tistordi, tinkapaċita jew taqbad ħut jew li b'xi mod iġġib lil dak il-ħut fi stat li jkun jista' jinqabad iktar malajr; jew

(*b*) iġġor jew ikollha fil-pussess jew taħt il-kontroll tagħha, xi velenu jew sustanza oħra li tagħmel ħsara f'ċirkostanzi li juru l-ħsieb li dawk l-esplożivi, velenu jew sustanza jintużaw għal xi wieħed mill-għanijiet imsemmija fil-paragrafu (*a*),

Kap. 33.

tkun ħatja ta' reat skont dan l-artikolu u teħel, meta tinsab ħatja, l-piena stabbilita skont l-artikolu 34 tal-Ordinanza dwar l-Esplożivi.

(2) Kull velenu jew sustanza oħra li tagħmel il-ħsara li jinstabu abbord xi bastiment għandhom jitqiesu, sakemm ma jkunx ippruvat il-kuntrarju, li kienu maħsuba għall-finijiet imsemmija fis-subartikolu (1).

Tfixkil tal-uffiċjali għat-tħaris tas-sajd u tagħrif falz.
*Emendat: A.L. 426 tal-2007.*

**29.** (1) Kull persuna li -

(*a*) taħbat għal, tirreżisti jew volontarjament tfixkel lil, uffiċjal għat-tħaris tas-sajd fit-twettiq tas-setgħat tiegħu skont dan l-Att;

(*b*) tirrifjuta jew tittraskura li tħares xi ordni, rekwiżizzjoni jew direzzjoni leġittimament mogħtija jew magħmula skont dan l-Att;

(*ċ*) mingħajr raġuni xierqa tonqos li -

(i) twieġeb għal xi mistoqsija magħmula minn uffiċjal għat-tħaris tas-sajd; jew

(ii) tipproduċi xi ħaġa li tkun meħtieġa tipproduċi,

skont dan l-Att;

(*d*) ma tħallix li ssir tfittxija jew spezzjoni skont dan l-Att; jew

(*e*) ma tħallix jew tipprova ma tħallix lil xi persuna oħra

milli tħares dawk l-ordnijiet, rekwiżizzjonijiet jew direzzjonijiet jew milli twieġeb għal dawk il-mistoqsijiet, jew milli tipproduċi xi ħaġa jew milli tħalli li ssir tfittxija jew spezzjoni,

tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinstab ħatja, multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) iżda mhux iżjed minn ħamest elef u tmien mija u tlieta u għoxrin euro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (5,823.43).

(2) Kull persuna li -

(*a*) sabiex tikseb xi liċenza, permess jew reġistrazzjoni fir-reġistru ta' bastimenti tas-sajd; jew

(*b*) sabiex turi li qed tħares ħtieġa biex tagħti xi tagħrif skont dan l-Att,

tagħti tagħrif li tkun taf li hu falz f'xi punt materjali jew li bi traskuraġni tagħti tagħrif li jkun falz f'xi punt materjali, tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinstab ħatja, multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) iżda mhux iżjed minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37).

Attivitajiet li ma jkunux dawk preskritti fil-liċenza. *Miżjud: IV. 2013.9. Emendat: XXXIV. 2014.58.*

**29A.** (1) Id-detentur ta' liċenza u, jew kaptan ta' bastiment m'għandux jagħmel użu mill-imsemmi bastiment b'konnessjoni ma' xi sengħa, negozju jew sejħa, kemm f'ibħra Maltin li jkunu territorjali jew interni, kemm barra mill-ibħra Maltin territorjali jew interni, għall-iskop li titwettaq xi sengħa, negozju jew sejħa li għaliha l-imsemmi bastiment ma jkollux liċenza.

(2) Kull min jikser id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) jeħel, meta jinstab ħat -

(*a*) jekk l-attività li ma jkollhiex liċenza tkun tikkonsisti fil-ġarr ta' prodotti li jkunu perikolużi u li jniġġsu li jkunu jinkludu karburant jew prodotti oħra tal-pitrolju, il-piena ta' priġunerija ta' mhux inqas minn sena u mhux iżjed minn tliet snin u multa ta' mhux inqas minn għaxart elef euro (€10,000) u mhux iżjed minn mitejn u ħamsin elf euro (€250,000) jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien;

(*b*) f'kull kaz ieħor, priġunerija għal mhux iżjed minn sentejn jew multa ta' mhux inqas minn ħames mitt euro (€500) iżda li ma tkunx iżjed minn għaxart elef euro (€10,000) jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien,

mingħajr preġudizzju għal kull piena oħra li tista' tkun applikabbli taħt xi liġi oħra.

(3) Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 121D, 248E(4) u 328K tal-Kodiċi Kriminali, għandhom, *mutatis mutandis*, japplikaw għal reat imsemmi fis-subartikolu (1). Kap. 10.

(4) F'dan l-artikolu, il-kelma "pitrolju" tfisser l-idrokarburi kollha kemm jekk f'forma likwida jew gassuża, inkluż żejt mhux raffinat, gass tal-pitrolju likwifat u gass naturali, u kemm fi stat mhux raffinat jew naturali jew f'forma proċessata jew irfinuta.

Reati, pieni u proċedimenti.
*Emendat:*
*A.L. 426 tal-2007;*
*XVII.2022.24;*
*XIII.2025.4.*

**30.** (1) Kull persuna li tikser kwalunkwe dispożizzjoni ta’ dan l-Att jew ta' kwalunkwe leġiżlazzjoni sussidjarja magħmula taħtu u li għaliha ma tingħata l-ebda piena speċifika għandha, fuq sejbien ta' ħtija minn qorti kompetenti, tkun soġġetta għal multa ta’ mhux inqas minn mija u ħamsin euro (€150) u mhux aktar minn tmenin elf euro (€80,000).

(2) Meta persuna tinstab ħatja ta’ reat kontra dan l-Att, il-Qorti tista’, b’żieda ma’ kull piena oħra li tista’ timponi, tordna li kull tagħmir tas-sajd, strumenti u apparat użati fl-għemil ta’ dak ir-reat u kull ħut abbord bastiment tas-sajd jew id-dħul mill-bejgħ tiegħu, jekk ikun digà nbiegħ, ikunu konfiskati favur il-Gvern u jekk jkunu hekk konfiskati d-Direttur għandu jordna fid-diskrezzjoni tiegħu x’isir minnhom.

(3) Għall-finijiet ta’ kull proċedimenti skont dan l-Att kull ħut misjub abbord bastiment għandu, kemm-il darba ma jkunx ippruvat il-kuntrarju, jitqies li jkun inqabad -

(*a*) fl-ibħra tas-sajd jew f’area fejn il-bastiment hu meħtieġ li jkollu liċenza jew permess biex jistad, u

(*b*) qrib fejn ikun il-bastiment fil-ħin li l-ħut hekk jinstab, meta l-liċenza jew il-permess għas-sajd jirrestrinġu lill-bastiment tas-sajd biex jistad f’area partikolari.

(4) Attentat biex isir reat skont dan l-Att għandu minnu nnifsu jitqies bħala reat u għandu jkun trattat bl-istess mod daqslikieku r-reat ikun sar.

(5) Kull kaptan li jittrasborda, jirċievi abbord bastiment tas-sajd, iġorr jew b’xi mod ieħor jittratta dwar ħut maqbud jew trasbordat bi ksur ta’ dan l-Att ikun ħati ta’ reat.

(6) *Imħassar bl-Att XVII.2022.24.*

(7) *Imħassar bl-Att XIII.2025.4.*

(8) Id-Direttur jista’, fir-rigward ta’ prosekuzzjonijiet u proċedimenti għal ksur skont dan l-Att jew kwalunkwe leġiżlazzjoni sussidjarja magħmula taħtu, jippreżenta evidenza u jipparteċipa fil-prosekuzzjoni tal-każ flimkien mal-Pulizija quddiem il-Qorti.

(9) Ċertifikat li jiġi ffirmat mid-Direttur jew minn kwalunkwe uffiċjal awtorizzat minnu għal dak il-għan, fis-sens li fid-data speċifikata fiċ-ċertifikat:

(*a*) bastiment tas-sajd speċifikat f’dak iċ-ċertifikat ma jkunx iddaħħal fir-reġistru tal-bastimenti tas-sajd, liċenzjat jew speċifikat f’permess tas-sajd skont dan l-Att jew kwalunkwe leġiżlazzjoni sussidjarja magħmula taħtu; jew

(*b*) il-persuna akkużata jew kwalunkwe persuna oħra msemmija ma kenitx id-detentur ta’ liċenzja jew permess tas-sajd skont dan l-Att jew kwalunkwe leġiżlazzjoni sussidjarja magħmula taħtu,

għandu, fin-nuqqas ta’ prova kuntrarja, ikun evidenza biżżejjed dwar dak dikjarat fiċ-ċertifikat.

## TAQSIMA XI
## PROĊEDIMENTI FIL-QORTI, PROĊEDIMENTI AMMINISTRATTIVI U PENALITAJIET

**31.** (1) Minkejja d-disposizzjonijiet tal-artikolu 370 tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tal-Maġistrati tkun il-qorti kompetenti li tiġġudika reati kontra dan l-Att. Proċedimenti fil-Qorti. Kap. 9.

(2) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1), proċedimenti kontra xi persuna għal reat kontra xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att għandhom jinbdew quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali skont id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali: Kap. 9.

Iżda, minkejja d-disposizzjonijiet tal-artikolu 376(1)(*b*) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti għandha, fuq talba ta' xi waħda mill-partijiet, tniżżel ix-xiehda bil-mod provdut bl-artikolu 391 tal-imsemmi Kodiċi jew bl-artikolu 3 tal-Att dwar ir-Reġistrazzjoni Elettro-Manjetika ta' Proċedimenti jew b'xi liġi oħra li tkun fiż-żmien fis-seħħ. Kap. 9. Kap. 284.

(3) Ħlief kif provdut speċifikament xort'oħra, id-disposizzjonijiet tal-artikolu 23 tal-Kodiċi Kriminali ma jkunux applikabbli għal reati kontra dan l-Att. Kap. 9.

(4) Dwar proċedimenti għal reati kontra dan l-Att il-Qorti tista' tiddikjara favur il-Gvern dak il-kost u l-ispejjeż, magħduda spejjeż li jkunu saru fl-eżerċizzju tas-setgħa skont l-artikolu 19(1)(*i*) u (*j*), li jkunu saru dwar dawk il-proċedimenti kif jidhrilha xieraq.

(5) Minkejja d-disposizzjonijiet tal-artikolu 413(1)(*b*) tal-Kodiċi Kriminali, l-Avukat Ġenerali dejjem ikollu jedd ta' appell minn kull deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, bħala qorti ta' ġudikatura kriminali, dwar proċedimenti għal reat kontra dan l-Att. Kap. 9.

**32.** Il-Ministru jista' b'ordni jagħmel dawk id-dispożizzjonijiet li huwa jista' jikkunsidra xierqa għall-infurzar ta' kull restrizzjoni jew obbligu relatat mas-sajd fil-baħar li jkunu jinsabu f'konvenzjoni li Malta hija parti għaliha u jista' jipprovdi f'dak l-ordni li kull ksur ta' xi restrizzjoni jew obbligu bħal dawn għandu jikkostitwixxi reat kontra dan l-Att jew kull leġiżlazzjoni sussidjarja magħmula taħtu. Ordni. *Emendat: A.L. 426 tal-2007; Sostitwit: XVII.2022.25.*

**33.** (1) Jekk id-Direttur ikollu raġuni valida biex jemmen li ksur kontra dan l-Att jew xi leġiżlazzjoni sussidjarja magħmula taħtu tkun twettqet minn xi persuna huwa jista' joħroġ avviż bil-miktub skont is-subartikolu (2) li għandu jkun notifikat lil dik il-persuna. Proċedimenti amministrattivi. *Emendat: XXI tal-2020. Sostitwit: XVII.2022.26.*

(2) Avviż skont is-subartikolu (1) għandu jispeċifika u jipprovdi:

(*a*) id-data jew il-perjodi ta' żmien li matulhom sar l-allegat ksur u n-natura tiegħu;

(*b*) id-dispożizzjonijiet tal-liġi li kienu jew li allegatament qegħdin jiġu miksura;

(*ċ*) sommarju tal-fatti li fuqhom kienet ibbażata l-

allegazzjoni li sar il-ksur jew għadd ta' ksur, li tkun dettaljata biżżejjed biex tinforma lill-persuna dwar l-allegazzjoni kontriha;

(*d*) kwalunkwe ħaġa oħra li d-Direttur iqis rilevanti għall-impożizzjoni ta’ penali;

(*e*) l-ammont tal-penali dovuta, li ma tkunx inqas minn ħamsin euro (€50) u ma tkunx aktar minn sittin elf euro (€60,000);

(*f*) jekk ikun jidher raġonevoli għad-Direttur u mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe dispożizzjoni oħra tal-liġi, il-garanzija li għandha tingħata għall-ħut jew għat-telfien tad-dħul mill-bejgħ tiegħu *mutatis mutandis* skont l-artikolu 22A, kif ukoll ordni ta’ qbid u konfiska favur id-Direttur ta’ kwalunkwe rkaptu tas-sajd jew kwalunkwe ħaġa oħra relatata mal-ksur jew miksuba permezz tiegħu; u

(*g*) jekk hekk ikun jidher raġonevoli għad-Direttur, u mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe dispożizzjoni oħra tal-liġi, ordni ta’ immobilizzazzjoni temporanja kontra l-bastiment tas-sajd u, jew is-sospensjoni għal perjodu ta’ żmien kif jista’ jkun speċifikat ta’ kwalunkwe liċenzja, u, jew permess jew tip ieħor ta’ awtorizzazzjoni mogħtija skont id-dispożizzjonijiet ta’ dan l-Att jew kwalunkwe leġiżlazzjoni sussidjarja magħmula taħtu, u n-notifika għandha tinkludi dikjarazzjoni li tali avviż qiegħed jinħareġ skont dan l-artikolu.

(3) Kull persuna li lilha jiġi nnotifikat avviż taħt is-subartikolu (1) tista’, fi żmien tletin (30) jum wara dik in-notifika, b’avviż bil-miktub lid-Direttur, teħtieġ li proċedimenti fir-rigward tal-allegat ksur għandhom iseħħu quddiem qorti, f’liema każ għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin:

(*a*) l-ebda proċedimenti amministrattivi oħra relatati ma’ dak il-ksur partikolari ma għandhom jittieħdu skont dan l-artikolu mid-Direttur; u

(*b*) xejn f’dan l-artikolu ma għandu jinftiehem bħala li jipprekludi l-istituzzjoni ta' xi proċedimenti fir-rigward tal-allegat ksur jew is-sejbien ta' ħtija ta’ dik il-persuna mill-qorti jew, wara dak is-sejbien ta' ħtija, l-impożizzjoni ta’ xi piena jew ta' xi miżuri ta' infurzar jew miżuri kumplimentari magħmula taħt dan l-Att jew taħt xi leġiżlazzjoni sussidjarja magħmula taħtu.

(4) Kull persuna li lilha jiġi nnotifikat avviż taħt is-subartikolu (1), li ma tixtieqx li proċedimenti fir-rigward tal-allegat ksur għandhom iseħħu quddiem qorti tista’ b’avviż bil-miktub innotifikat lid-Direttur:

(*a*) tammetti l-ksur; u

(*b*) taqbel bil-miktub li tħallas lid-Direttur l-ammont tal-

penali stabbilit mid-Direttur:

Iżda l-ħlas għandu jsir kollu fi żmien tletin (30) jum wara li jkun ġie notifikat l-avviż tal-penali, u fil-każ ta' nuqqas ta' ħlas għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (6).

(5) Meta persuna tammetti ksur skont is-subartikolu preċedenti, id-Direttur għandu jimponi penali amministrattiva fuq dik il-persuna fir-rigward tal-ksur u fid-determinazzjoni tal-ammont tal-penali li għandha tiġi imposta, id-Direttur għandu jqis ukoll il-kriterji li ġejjin, kif applikabbli:

(*a*) in-natura u l-firxa tal-ħsara kkawżata lir-riżorsi tas-sajd u lill-ambjent marittimu;

(*b*) iċ-ċirkostanzi oġġettivi li fihom ikun twettaq il-ksur; u

(*ċ*) is-sitwazzjoni ekonomika tal-awtur ta' ksur.

(6) Kull penali imposta taħt is-subartikolu (5) għandha tkun dovuta bħala dejn ċivili inforzabbli mill-qorti kompetenti ta' ġurisdizzjoni ċivili favur il-Gvern u għandha tikkostitwixxi titolu eżekuttiv skont il-liġi bl-istess mod daqslikieku kienet sentenza tal-qorti kompetenti ta' ġurisdizzjoni ċivili.

(7) Minkejja kwalunkwe dispożizzjoni oħra ta' dan l-Att jew kwalunkwe leġiżlazzjoni magħmula taħtu, fejn ksur ikun ġie ammess taħt dan l-artikolu u l-piena rilevanti tkun tħallset, ma tista' tinbeda l-ebda proċedura kriminali fir-rigward tal-istess ksur kontra l-persuna li tkun hekk ammettiet.

(8) Meta persuna li lilha jiġi notifikat avviż taħt is-subartikolu (1) ma tkunx, fi żmien tletin (30) jum wara li l-avviż ikun ġie notifikat lilha, ammettiet il-ksur u qablet bil-miktub li tħallas il-piena notifikata lilha mid-Direttur skont is-subartikolu (4), id-Direttur għandu jibda proċedimenti jew jara li jinbdew proċeduri quddiem il-Qorti fir-rigward tal-allegat ksur.

(9) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma għandhomx japplikaw għal xi reat li dwaru jkunu diġà nbdew proċeduri kriminali.

(10) Id-Direttur għandu personalment u b'mod indipendenti jeżerċita s-setgħat tiegħu taħt dan l-artikolu, u fl-eżerċizzju ta' dawn is-setgħat huwa ma għandux ikun soġġett għad-direzzjoni jew il-kontroll ta' kwalunkwe persuna jew awtorità oħra.

**34.** *Imħassar bl-Att XVII.2022.27.* Penalitajiet amministrattivi.

**35.** *Imħassar bl-Att XVII.2022.27.* Żamma jew konfiska ta' bastiment tas-sajd għal nuqqas ta' ħlas ta' multa jew garanzija dwarha.

TAQSIMA XII
ĠENERALI

Sistema ta' sorveljanza.
*Emendat: XVII.2022.28.*

**36.** Id-Direttur jkollu s-setgħa li jistabbilixxi sistema ta' sorveljanza bażata fuq satellita biex jissorvelja fuq il-pożizzjoni ta' bastimenti tas-sajd, kif ukoll ċentri ta' sorveljanza fuq is-sajd.

Informazzjoni dwar sajd.
*Emendat: XVII.2022.29.*

**37.** Id-Direttur jkollu s-setgħa li jgħaddi kull informazzjoni, dwar l-isforzi li jsiru fis-sajd (*fishing effort*) minn xi bastiment tas-sajd, lil xi terza persuna, kif ikun jidhirlu xieraq.

Setgħa għall-għemil ta' regolamenti.
*Emendat: A.L. 426 tal-2007; XVII.2022.30.*

**38.** (1) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti sabiex jitwettqu aħjar l-għanijiet ta' dan l-Att.

(2) B'mod partikolari iżda bla ħsara għall-ġeneralità tas-subartikolu (1), dawk ir-regolamenti jistgħu jipprovdu dwar:

(*a*) kull ħaġa li għandha jew li tista' tkun preskritta skont dan l-Att;

(*b*) il-konservazzjoni, l-amministrazzjoni u t-tħaris ta' riżorsi ta' ħut magħduda l-istabbiliment ta' arei magħluqa u staġuni magħluqa, il-preskrizzjoni tal-limiti dwar ammonti, daqs u piż ta' ħut maqbud, miżmum jew negozjat, il-preskrizzjoni tal-kobor tat-toqob tax-xbiek, il-kontroll u l-użu ta' tagħmir tas-sajd, il-kontroll u l-projbizzjoni ta' metodi tas-sajd u t-tħaris ta' stokkijiet ta' ħut u l-post fejn jgħixu mill-effetti attwali jew potenzjali ta' miżuri li jittieħdu biex it-tniġġiż ikun eliminat jew kontrollat;

(*ċ*) l-istabbiliment u l-amministrazzjoni ta' arei għall-preżervazzjoni ta' stokkijiet ta' ħut, inklużi l-mezzi ta' nutriment tagħhom;

(*d*) il-ħtieġa ta' liċenza għal kull xorta ta' sajd magħduda kull ħidma li għandha x'taqsam mas-sajd u reġistri varji inkluż dak tal-bastimenti tas-sajd;

(*e*) ir-regolazzjoni ta' sajd mid-dilettanti jew għall-mogħdija taż-żmien;

(*f*) il-kwota jew it-total permess ta' qbid ta' xi ħut jew dwar xi metodu ta' sajd f'xi parti tal-ibħra tas-sajd u li jawtorizzaw lid-Direttur li jalloka kull kwota bħal dik jew it-total permess ta' qbid dwar dawk is-sajjieda kummerċjali li jista' jispeċifika b'avviż fil-Gazzetta;

(*g*) il-kontroll ta' esplojtazzjoni ta' riżorsi ta' qroll u sponoż;

(*h*) il-ħarsien ta' fkieren, dniefel u annimali tal-baħar oħra;

(*i*) ir-regolazzjoni tal-importazzjoni ta' oġġetti ħajjin tal-baħar jew ħut tal-ilma ħelu u ż-żgħar u l-bajd tagħhom;

(*j*) il-promozzjoni u kontroll tal-koltivazzjoni ta' ħut magħdud il-ħruġ mid-Direttur ta' kodiċi ta' prattika għall-manutenzjoni u tħaddim ta' stabbilimenti tal-akwakultura;

(*k*) ir-regolazzjoni tal-bejgħ tal-ħut magħduda l-allokazzjoni ta' postijiet għal tniżżil l-art u l-kontroll tal-maniġġ u t-trasport ta' ħut u prodotti tal-ħut;

(*l*) ir-regolazzjoni tal-bejgħ tal-ħut magħduda l-allokazzjoni ta’ swieq tal-ħut, il-kontroll ta’ rkantijiet tal-ħut u r-reġistrazzjoni ta’ xerrejja u negozjanti tal-ħut;

(*m*) ir-regolazzjoni ta’ skemi ta’ interventi fis-suq;

(*n*) ir-regolazzjoni kummerċjali tal-esportazzjoni ta’ ħut u prodotti tal-ħut;

(*o*) il-kontroll ta’ livelli ta’ kwalità u gradazzjoni ta’ ħut mibjugħ, esportat jew importat;

(*p*) il-ħlas ta’ drittijiet dwar applikazzjonijiet għal permessi, liċenzi jew reġistrazzjonijiet, u dwar il-ħruġ ta’ permessi, liċenzi jew reġistrazzjonijiet; kif ukoll l-għoti minn applikanti għal liċenza u detenturi ta’ liċenza ta’ obbligazzjonijiet jew forom oħra ta’ garanzija, sabiex ikun żgurat it-tħaris ta’ obbligi u pattijiet u kondizzjonijiet marbutin mal-liċenza tagħhom;

(*q*) il-kondizzjonijiet u l-proċeduri għal applikaz-zjonijiet għal kull permessi, liċenzi u reġistrazzjonijiet, jew dokumenti oħra u l-formuli li għandhom jintużaw għalihom;

(*r*) il-ħatra ta’ agenti lokali għal bastimenti tas-sajd barranin;

(*s*) it-tqegħid ta’ osservaturi ta’ bastimenti tas-sajd;

(*t*) biex jirregola kull sistema ta’ sorveljanza bażata fuq satellita li tista’ tiġi stabbilita skont l-artikolu 36, u biex jimponi dawk l-obbligi fuq bastimenti tas-sajd li jkunu meħtieġa għat-tħaddim xieraq ta’ dik is-sistema;

(*u*) il-kontroll ta’ postijiet pubbliċi għall-iżbark tal-ħut;

(*v*) rapporti li għandhom isiru għall-finijiet ta’ dan l-Att;

(*w*) it-tħaris ta,’ u l-implimentazzjoni ta’, obbligi ta’ Malta taħt xi konvenzjoni u, jew trattat, u jistgħu jinkludu l-applikazzjoni għal bastimenti tal-konvenzjoni ta’ kull waħda mid-disposizzjonijiet ta’ dan l-Att li ma jkunux jirreferu esklużivament għal bastimenti tas-sajd barranin b’kull modifiki meħtieġa għal disposizzjonijiet li jirreferu għal kull ħaġa, magħduda kwalifika dwar proprjetarji ta’ bastimenti tas-sajd;

(*x*) regolamenti dwar saħħa u ħelsien mill-periklu kif ikun xieraq; u

(*y*) it-twaqqif ta’ sistema ta’ punti għal kwalunkwe ksur skont dan l-Att jew kwalunkwe leġiżlazzjoni sussidjarja magħmula taħtu.

(3) Mingħajr preġudizzju għas-subartikolu (1), il-Ministru jista’ b’regolamenti jippreskrivi reati, pieni, miżuri u, jew proċedimenti, ikunux kriminali jew amministrattivi, għal kull dispożizzjoni ta’ dan l-Att li ma tkunx tippreskrivi għal dan, u huwa jista’ jagħmel dan ukoll għal kull dispożizzjoni fil-

leġiżlazzjoni sussidjarja magħmula taħt dan l-Att.

(4) Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe sistema ta' punti penali stabbilita mill-Ministru, kull regolament magħmul mill-Ministru skont dan l-artikolu li jipprovdi għal proċedimenti amministrattivi għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-artikolu 33 u dawk ir-regolamenti għandhom isegwu r-rekwiżiti tal-artikolu 33.

Setgħa li jsiru regolamenti fir-rigward ta' medda f'żona ekonomika esklussiva jew medda ta' protezzjoni tal-ambjent. *Miżjud: XXXV.2023.57.* Kap. 625.

**38A.** Bla ħsara għal kwalunkwe dispożizzjoni ta' dan l-Att li tagħti s-setgħa lill-Ministru li jagħmel regolamenti, u bla ħsara għall-artikolu 3 u l-eżerċizzju relatat tal-jeddijiet sovrani, il-Ministru jista', soġġett għad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar iż-Żona Ekonomika Esklussiva, minn żmien għal żmien, jagħmel, jemenda, jissostitwixxi jew iħassar regolamenti bil-għan li jirregola, jippreskrivi jew jipprovdi mod ieħor għal kwalunkwe kwistjoni regolata minn jew taħt dan l-Att jew minn jew taħt kwalunkwe leġiżlazzjoni sussidjarja magħmula taħtu, fir-rigward ta' medda f'żona ekonomika esklussiva jew medda ta' protezzjoni tal-ambjent kif imfissra fl-Att dwar iż-Żona Ekonomika Esklussiva jew kwalunkwe attivitajiet inklużi fiha, iżda mhux limitati, għall-applikabbiltà jew mod ieħor ta' dan l-Att u, jew ta' kwalunkwe leġiżlazzjoni sussidjarja magħmula taħtu.

Reviżjoni ta' deċiżjonijiet tad-Direttur. *Emendat: XXI tal-2020.*

**39.** *Imħassar bl-Att XVII.2022.31*.

TAQSIMA XIII
RIŻERVI

Riżervi. Kap. 10.

**40.** *Imħassar bl-Att XVII.2022.31*.

Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva. *Miżjud: XVII.2022.32.* Kap. 490.

**41.** (1) It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva stabbilit bl-artikolu 5 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva għandu l-kompetenza li jisma' u jiddetermina appelli magħmula minn kwalunkwe persuna milquta minn kwalunkwe deċiżjoni tad-Direttur taħt l-artikolu 33, kif ukoll minn deċiżjoni li ma tingħatax jew li ma tiġġeddidx, jew li tiġi sospiża jew revokata awtorizzazzjoni, liċenzja jew permess, jew li jiġu imposti kondizzjonijiet, limitazzjonijiet jew esklużjonijiet fihom:

Iżda sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor bil-liġi, appell magħmul skont dan is-subartikolu quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandu jiġi preżentat fi żmien għoxrin (20) jum min-notifika tad-deċiżjoni tad-Direttur.

Kap. 490.

(2) Għandu jkun hemm dritt ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri), skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima IV tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, mid-deċiżjonijiet tat-Tribunal għar-Reviżjoni Amministrattiva skont is-subartikolu preċedenti.

**TAQSIMA XIV**
**DISPOŻIZZJONI TRANŻITORJA**

**42.** Id-dispożizzjonijiet tal-Att għandhom jibqgħu fis-seħħ għall-finijiet ta’ kull att, deċiżjoni jew proċedimenti li saru qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att tal-2022 li jemenda l-Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd, fir-rigward ta’ kull reat skont dan l-Att li twettaq qabel id-data msemmija.

Riżervi.
*Miżjud: XVII.2022.32.*

Abbozz ta' Liġi Nru 10 tal-2022.